KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 2.5.2011
KUMM(2011) 240 finali

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## L-iżvilupp ta' Spazju Komuni għall-Avjazzjoni mar-Repubblika tal-Moldova

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**L-iżvilupp ta' Spazju Komuni għall-Avjazzjoni mar-Repubblika tal-Moldova**

## 1. DAĦLA

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2005 "L-iżvilupp tal-aġenda għall-politika esterna tal-Komunità dwar l-avjazzjoni" [titlu mhux uffiċjali][1], il-Kumissjoni enfasizzat l-importanza li jinħoloq Spajzu Komuni għall-Avjazzjoni mal-ġirien tal-Ewropa fil-Lvant u n-Nofsinhar. L-għan aħħari ta' Spazju Komuni għall-Avjazzjoni bħal dan huwa li jinħoloq suq tal-avjazzjoni kbir u mifuħ li jkun ibbażat fuq regoli komuni. F'Ġunju 2005, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea appoġġa dan il-għan u laqa' l-progress li sar permezz tal-inkorporazzjoni tal-pajjiżi ġirien tal-UE f'qafas bħal dan.[2]

Il-Kummissjoni analizzat l-implimentazzjoni ta' dan il-proċess fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2008 "Żona tal-Avjazzjoni Komuni mal-Pajjiżi Ġirien sal-2010: rapport ta' progress"[3]. Hi kkonkludiet li dan il-proċess wera riżultati pożittivi u għandu jiġi aċċelerat.

It-tkabbir tal-Unjoni Ewropea tal-2004 u l-2007 saħħaħ aktar l-interdipendenza bejn l-UE u l-ġirien tagħha fil-Lvant u fin-Nofsinhar. F'Ġunju 2006, l-UE u l-Istati Membri tagħha ffirmaw Ftehim tal-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni Ewropew (European Common Aviation Area agreement - ECAA) mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Dan ġie segwit bl-iffirmar tal-ewwel Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni mal-Marokk, f'Diċembru 2006. F'Diċembru 2010, ġew iffirmati l-ftehimiet dwar l-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni mal-Ġeorġja u l-Ġordan u bħalissa għadhom għaddejjin in-negozjati mal-Ukraina, mal-Libanu, mat-Tuneżija u mal-Iżrael.

Il-ħolqien ta' Spazju Komuni għall-Avjazzjoni joħloq benefiċċji f'diversi aspetti. Dan jappoġġa:

– L-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat billi jiffaċilita l-iżvilupp ta' suq integrat tal-avjazzjoni u l-ħolqien ta' konnessjonijiet aħjar tat-trasport bejn il-pajjiżi kollha involuti;

– L-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiżi li l-viżjoni tagħhom hija li jsiru membri tal-Unjoni Ewopea;

– Il-promozzjoni tal-istandards Ewropej tal-avjazzjoni ta' livell għoli u b'hekk jgħin biex tkun żgurata l-firxa tal-livelli għoljin tas-sikurezza u tas-sigurtà tal-avjazzjoni mar-reġjun kollu;

---

[1] COM (2005) 79 finali, 11 ta' Marzu 2005

[2] Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mis-27 ta' Ġunju 2005: "Konklużjonijiet dwar l-iżvilupp tal-aġenda dwar il-politika esterna tal-avjazzjoni tal-Komunità"

[3] COM (2008) 596 finali, 1 ta' Ottubru 2008

- Il-kooperazzjoni istituzzjonali bejn l-awtoritajiet responsabbli bħal dik dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni;
- L-iżvilupp futur tal-industrija kumplessiva tal-avjazzjoni Ewropea billi jiipprovdi qafas regolatorju koerenti għal post tas-suq imkabbar.

Din il-Komunikazzjoni tindirizza l-kwistjoni speċifika tar-relazzjonijiet tal-avjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem il-Moldova). Fid-dawl tal-pożizzjoni ġeografika tal-pajjiż, il-konnessjonijiet tajbin tat-trasport bl-ajru bejn il-Moldova u l-UE huma ta' importanza kbira għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż.

F'April 2010, il-Gvern tal-Moldova wera xewqtu li jibda jinnegozja ftehim dwar l-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova. B'segwitu ta' din it-talba, is-servizzi tal-Kummissjoni vvalutaw is-sitwazzjoni attwali tas-settur tat-trasport tal-ajru tal-Moldova u l-istrutturi ta' superviżjoni tiegħu. Barra minn hekk, twettqet analiżi ekonomika tal-impatt possibbli jekk jiġi konkluż ftehim bħal dan.

Abbażi tal-ħidma li hija miġbura fil-qosor f'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehim komprensiv dwar l-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni Ewropew mal-Moldova. Jekk tiġi segwita l-loġika tal-ftehimiet bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien l-oħra, dan għandu jkun ibbażat fuq taħlita ta' ftuħ gradwali tas-suq bi proċess parallel ta' kooperazzjoni regolatorja u armonizzazzjoni gradwali. L-oqsma ta' prijorità għandhom ikunu l-ftuħ tas-suq, il-libertà tal-istabbiliment, il-kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni u r-regoli komuni fl-oqsma tas-sikurezza tal-avjazzjoni, is-sigurtà, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, il-kundizzjonijiet soċjali u l-protezzjoni ambjentali.

## 2. L-UE-MOLDOVA: IR-RELAZZJONIJIET POLITIĊI

F'dawn l-aħħar għaxar snin, l-UE u l-Moldova waqqfu bejniethom relazzjonijiet mill-qrib:

- Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Moldova (Partnership and Cooperation Agreement -PCA) ġie ffirmat fl-1994 u daħal fis-seħħ fl-1998[4]. Hu jkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet fosthom il-kummerċ, il-kooperazzjoni ekonomika u l-approssimazzjoni tal-liġi. Skont id-dispożizzjonijiet dwar l-approssimizzazzjoni tal-liġi (l-Artikolu 50 PCA), il-Moldova għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni tagħha (inkluż is-settur tat-trasport) b'mod gradwali ssir kompatibbli ma' dik tal-UE. Il-qasam tat-trasport u l-ħtieġa li Moldova tirristruttura u timmodernizza s-sistemi tat-trasport tagħha sabiex tissaħħaħ l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Moldova huma enfasizzati b'mod partikolari fl-Artikolu 62 tal-PCA. Il-ħtieġa li jkun hemm kooperazzjoni dwar l-immodernizzar tal-ajruporti u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u li titwettaq promozzjoni tal-interkonnessjonijeit trans-Ewropej hija enfasizzata b'mod partikolari. In-negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova, li huwa previst li jissostitwixxi l-PCA, ġew varati f'Jannar 2010. Il-mira ta' dan il-Ftehim hija li jissaħħu aktar l-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika

[4] ĠU L 181/1998, p. 3, 24/06/1998

bejn l-UE u l-Moldova. L-għan tal-integrazzjoni ser jiġi segwit, fost oħrajn, fil-qasam tat-trasport.

– B'mod parallel ma' dan il-proċess, il-Politika Ewropea tal-Viċinat (European Neighbourhood Policy -ENP) ġiet żviluppata mill-2004. Hi timmira għat-tisħiħ tal-prosperità, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-pajjiżi ġirien tal-UE u li jiġi evitat l-iżvilupp ta' linji ta' firda ġodda mal-UE mkabbra. Din il-politika hija implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Azzjoni fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENAPs) li huma miftiehma bejn l-UE u kull pajjiż imsieħeb individwalment. L-ENAP EU-Moldova ġie adottat fl-2005 u minn dak iż-żmien 'l hawn il-Kummissjoni wettqet reviżjoni annwali tal-progress li sar. Id-dispożizzjonijiet tal-ENAP dwar it-trasport jinkludu l-iżvilupp tas-settur tal-avjazzjoni u t-talba biex il-Moldova tiġi integrata aħjar fis-suq tat-trasport tal-ajru Ewropew. L-ENAP jelenka l-miżuri li għandhom jiġu implimentati fis-settur tal-avjazzjoni (partikolarment il-kooperazzjoni aktar mill-qrib fl-oqsma tas-sikurezza tal-avjazzjoni, is-sigurtà u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru). Il-kunċett ta' sħubija aktar ambizzjuża bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi msieħba jidher ukoll fid-Dikjarazzjoni konġunta fis-Samit ta' Praga dwar il-Partenarjat tal-Lvant, iffirmata fis-7 ta' Mejju 2009, fi Praga.

– Fl-2007, il-Moldova ppreżentat "Strateġija għall-Iżvilupp Nazzjonali (National Development Strategy - NDS) 2008-2011" [titlu mhux uffiċjali] li tinkludi l-impenn ċar tal-Moldova biex tinkorpora l-*acquis communautaire* fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha u biex tiżgura l-infurzar tiegħu. Fir-rigward tat-trasport bl-ajru, l-NDS jitlob għal titjib fis-sikurezza, fil-kapaċità tal-ajruport u fil-kwalità tas-serivizzi li huma offruti lill-passiġġieri. Apparti minn hekk, il-Moldova adottat "Strateġija għall-Iżvilupp tal-Avjazzjoni Ċivili għall-2007-2012"[5] [titlu mhux uffiċjali] li tipprovdi għall-implimentazzjoni ta' miżuri relatati fl-oqsma ewlenin kollha tal-avjazzjoni. Barra minn hekk, "Il-Programm tal-Gvern mill-2009 sal-2013" jinkludi prijoritajiet speċifiċi fir-rigward tal-avjazzjoni bħall-ħolqien ta' suq ta' trasport bl-ajru liberalizzat bil-għan li jiġu attirati linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi.

– Fir-rigward tal-avjazzjoni b'mod partikolari, il-Moldova tinsab tippartepċipa b'mod attiv f'bosta strutturi tal-avjazzjoni pan-Ewropej. Ilha membru tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (European Civil Aviation Conference - ECAC) mill-1996 u tal-Eurocontrol mis-sena 2000. Fis-sikurezza tal-avjazzjoni, hija tippartecipa fil- programm SAFA[6] abbażi ta' arranġament ta' ħidma mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) li kien iffirmat fl-2006. Fl-2009 ġie ffirmat arranġament ta' ħidma ieħor bejn l-EASA u l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Moldova fil-qafas tat-tranżizzjoni tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Konġunti. Fl-2006 ġie ffirmat il-"Ftehim Orizzontali" bejn l-UE u l-Moldova li jikkonforma l-ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u l-Moldova mal-liġi tal-UE.[7]

---

[5] Id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 987 dwar l-approvazzjoni tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni Ċivili għall-2007-2012 tat-30 ta' Awwissu 2007.

[6] Valutazzjoni tas-Sikurezza ta' Inġenji tal-Ajru Barranin

[7] ĠU L 126/2006, p.24, 13/05/2006

Fir-rigward tal-progress miksub, il-Kummissjoni ħarġet rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-PCA u tal-ENAP. Ir-rapport tal-2010[8] (dwar l-implimentazzjoni tal-PCA u tal-ENAP fl-2009) indika diġà li l-Moldova hija kandidata potenzjali biex issir parti mill-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni u kkonferma li l-firma ta' ftehim ta' kooperazzjoni mal-EASA kien pass importanti għall-integrazzjoni tal-Moldova fis-sistema Ewropea tas-sikurezza tal-avjazzjoni.

## 3. L-UE-MOLDOVA: IR-RELAZZJONIJIET EKONOMIĊI U L-IMPATT TAGĦHOM FUQ L-AVJAZZJONI

Meta titqies id-distanza li hemm għall-bliet Ewropej ewlenin, il-pożizzjoni tagħha bħala pajjiż mingħajr kosta u l-infrastruttura tat-trasport bl-art relattivament fqira, l-avjazzjoni hija l-mezz ta' trasport uniku u l-aktar importanti li jgħaqqad lill-Moldova mal-Istati Membri tal-UE.

Ir-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Moldova u l-UE żviluppaw b'mod sinifikanti fl-aħħar għaxar snin. Skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika tal-Moldova, l-esportazzjonijiet ta' oġġetti lill-UE żdiedu b'6 % minn Jannar sa Ottubru 2010 (meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2009) għal EUR 439 miljun filwaqt li l-importazzjoni fil-Moldova mill-UE żdiedet b'19,1 %, għal EUR 1 biljun. Dan iwassal id-defiċit kummerċjali kumplessiv tal-Moldova mal-UE għal EUR 561 miljun (żieda ta' 30,9 %). L-UE hija l-imsieħba kummerċjali l-aktar importanti għall-Moldova u l-importanza tagħha żdiedet minn meta r-Rumanija ssieħbet mal-UE fl-2007. Fl-2008, l-UE tat Preferenzi Kummerċjali Awtonomi addizzjonali lill-Moldova[9] u din l-għotja kellha effetti pożittivi fuq il-kummerċ bejn l-UE u l-Moldova. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova tal-futur għandu l-mira li jistabbilixxi Żona ta' Kummerċ Ħieles Profonda u Komprensiva, sakemm u meta l-Moldova tinsab lesta timplimentah u ssostni l-effetti tiegħu. Dan mistenni li jistimola aktar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Moldova.

Il-popolazzjoni relattivament żgħira tal-Moldova ta' 3,6 miljun ruħ u l-PDG per capita baxx jagħmluha suq tal-avjazzjoni relattivament żgħir (iżda qed jikber).[10]

It-traffiku tal-ajru bejn il-Moldova u l-UE fil-parti l-kbira tiegħu hu magħmul minn traffiku ta' passiġġieri (il-volum ta' merkanzija li jiġi ttrasportat bejn l-UE u l-Moldova huwa relattivament baxx). It-trasport bl-ajru internazzjonali lejn il-Moldava u minnha huwa kkonċentrat fuq l-Ajruport Internazzjonali ta' Chisinau. Iċ-ċifri tat-trasport tal-ajruport żdiedu minn madwar 200 000 passiġġier fl-2000 għal aktar minn 900 000 passiġġier fl-2010 li jirrappreżentaw rata ta' tkabbir annwali ta' madwar 14 %.[11] Riċentament l-Ajruport Internazzjonali ta' Chisinau vara programm ta' investiment importanti biex iżid il-kapaċità tiegħu u sabiex jimmodernizza l-

8 http://ec.europa.eu/world/enp/pdf/progress2010/sec10_523_en.pdf

9 Ir-Regolament (KE) Nru 55/2008, ĠU L 20, p.1, 24/1/2008

10 Skont l-estimi tal-FMI, il-Moldova għandha PDG per capita ta' EUR1,160 (fl-2010).

11 Passiġġieri li jitilqu minn Chisinau. Iċ-ċifri kollha tat-trasport huma minn studju li kien ikkuntrattat mill-Kummissjoni: Steer Davies Gleave: Study on the economic benefit of a common aviation area agreement between the EU and the Republic of Moldova [Studju dwar il-benefiċċji ekonomiċi ta' ftehim dwar spazju komuni għall-avjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova]. Londra, Jannar 2011

infrastruttura kumplessiva tiegħu L-UE u l-BERŻ (il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp) appoġġaw dan il-programm fil-qafas tal-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat. Fl-2010, kien l-ewwel ajruport tal-Commonwealth tal-Pajjiżi Indipendenti (CIS) li rċieva l-Airport Carbon Accreditation b'rikonoxximent tal-isforzi tiegħu biex inaqqas l-emissjonijiet tas-CO2.

It-traffiku lejn l-UE jammonta għal madwar żewġ terzi tal-passiġġieri li jitilqu minn Chisinau. It-traffiku tal-passiġġieri mill-UE għall-Moldova huwa kkonċentrat fuq konnessjonijiet ma' għadd limitat ta' Stati Membri tal-UE. Fl-2009, l-ogħla ħames swieq (l-Italja – 34 %, ir-Rumanija – 18 %, il-Ġermanja – 13 %, l-Ungerija – 9 % u l-Awstrija - 8 %) ammontaw għal aktar minn 80 % tat-traffiku totali tal-passiġġieri mill-UE għall-Moldova. Dan juri r-relazzjonijiet ekonomiċi mill-qrib tal-Moldova mar-Rumanija u l-Italja.

Il-konnessjonijiet bejn bliet ipparreġġati bl-akbar volum ta' passiġġieri huma Chisinau-Timisoara (fir-Rumanija) b'madwar 40 000 passiġġier, segwiti minn Chisinau-Frankfurt b'aktar minn 32 000 passiġġier u Chisinau-Ruma b'madwar 22 000 passiġġier fl-2009. Lil hinn mill-UE, Chisinau-Moscow huma l-ibliet ipparreġġati bl-ogħla domanda ta' passiġġieri bi kważi 48 000 passiġġier, segwiti minn Chisinau-Istanbul b'madwar 41 000 passiġġier.

Il-Moldova nnegozjat ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru (ASAs) ma' madwar għoxrin pajjiż li sittax minnhom huma Stati Membri tal-UE (l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u r-Renju Unit). L-ASAs mal-Istati Membri tal-UE huma tipikament pjuttost restrittivi (pereżempju fir-rigward l-approvazzjoni tar-rotot, frekwenzi, kapaċitajiet tal-inġenji tal-ajru jew skedi). Il-parti l-kbira tal-ftehimiet jippermettu biss għal deżinjazzjoni waħda ta' trasportatur bl-ajru għal kull naħa. Is-sistema attwali ta' ASAs bilaterali bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Molodova għalhekk tiżbilanċja x-xejriet tat-traffiku bir-riżultat ta' effetti negattivi fuq il-linji tal-ajru u fuq il-konsumaturi.

Madankollu huwa importanti li wieħed jinnota li f'Lulju 2010 sitt trasportaturi biss tal-UE qdew is-suq tal-Moldova: airBaltic minn Riga (il-Latvja), Austrian Airlines minn Vjenna (l-Awstrija), Carpatair minn Timisoara u Tarom minn Bukarest (ir-Rumanija), Lufthansa minn Munich (il-Ġermanja) kif ukoll Meridiana minn Milan u Verona (l-Italja). Is-sehem tas-suq ta' dawn il-linji tal-ajru tal-UE fuq titjiriet għall-Moldova kien ta' 37 %. It-trasportaturi tal-Moldova jikkostitwixxu aktar minn 60 % tas-suq tal-avjazzjoni UE-Moldova.

## 4. IS-SETTUR TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI F'MOLDOVA

Hemm żewġ linji tal-ajru tal-Moldova li joperaw rotot mill-UE jew għaliha: it-trasportatur nazzjonali Air Moldova u dak privat Moldovan Airlines:

– Air Moldova topera flotta relattivament moderna għal destinazzjonijiet tal-UE (tliet inġenji tal-ajru kbar ċivili Airbus A320 u żewġ inġenji tal-ajru reġjonali Embraer 190). Minn Jannar 2010, Air Moldova għamlet titjiriet għat-total ta' 13-il destinazzjoni, 10 minnhom jinsabu fl-Istati Membri tal-UE (l-Awstrija, il-

Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, ir-Rumanija, u Spanja).

– Moldovan Airlines hija kumpanija relattivament żgħira u topera żewġ inġenji tal-ajru reġjonali fuq rotot għall-Ungerija u r-Rumanija (Timisoara). Il-linja tal-ajru tikkoopera mal-kumpanija sussidjarja Rumena l-oħra, Carpatair, li għandha ċentru f'Timisoara.

Barra minn hekk, hemm trasportaturi oħra tal-Moldova li l-aktar joperaw inġenji tal-ajru ddisinnjati mis-CIS destinazzjonijiet barra mill-UE. (Air Moldova topera wkoll inġenji tal-ajru bħal dawn iżda l-aktar għal destinazzjonijiet mhux fl-UE.)

Għalissa, il-punti ta' aċċess l-aktar importanti għan-netwerk tat-trasport bl-ajru internazzjonali għall-passiġġieri mill-Moldova huma Frankfurt (permezz ta' Air Moldova), Munich (permezz ta' Lufthansa) u Vjenna (permezz ta' Air Moldova u Austrian Airlines).

It-tariffi tal-ajru minn Chisinau għal destinazzjonijiet tal-UE (u viċi versa) huma relattivament għoljin. Dan jista' jkun ir-riżultat tal-ASAs pjuttost restrittivi u l-fatt li Chisinau m'għandhiex is-servizzi ta' trasportaturi bi prezzijiet baxxi. Hemm provi li minhabba f'hekk ċerta domanda għat-trasport bl-ajru tal-Moldova tiġi ddevjata għall-ajruporti fil-pajjiżi ġirien tar-Rumanija u tal-Ukraina.

Is-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru, inklużi s-servizzi meteoroloġiċi u l-informazzjoni ajrunawtika fl-ispazju tal-ajru tal-Moldova huma fornuti mill-Aġenzija għas-Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru tal-Moldova (MOLDATSA), li tinsab f'idejn l-istat, u hija sseparata mill-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili. Il-Moldova hija membru tal-Eurocontrol u msieħba fl-inizjattiva reġjonali "Kooperazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa tax-Xlokk (ACE)" "ATM Co-operation in South-Eastern Europe (ACE)" flimkien mar-Rumanija, mat-Turkija u mal-Bulgarija. Il-Moldova qed tikkonforma, fejn hu possibbli, il-leġiżlazzjoni/l-ambjent nazzjonali tagħha fil-qasam tal-avjazzjoni mal-politika tal-Ajru Uniku Ewropew.

L-amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Repubblika tal-Moldova (CAA) tamministra u tirregola s-settur tal-avjazzjoni ċivili kollu. Is-CAA topera taħt is-superviżjoni politika tal-Ministeru tat-Trasport tal-Moldova.

## 5. IL-BENEFIĊĊJI TA' FTEHIM DWAR SPAZJU KOMUNI GĦALL-AVJAZZJONI BEJN L-UE U L-MOLDOVA

Il-ħolqien ta' suq uniku tal-avjazzjoni tal-UE mill-bidu tad-Disgħinijiet (1990s) ta kontribut sinifikanti biex is-settur ikun aktar dinamiku u effiċjenti, u ħoloq benefiċċji ekonomiċi u soċjali kbar.

Il-konklużjoni ta' ftehimiet dwar l-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni mal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni fil-Lvant u n-Nofsinhar tat prova li effetti pożittivi simili fuq il-volumi u l-effiċjenza tat-trasport jistgħu jinkisbu wkoll għal dawn is-swieq. F'dan ir-rigward, mil-liberalizzazzjoni ta' dan is-suq fl-2006 u l-2010 bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent inkisbu rati ta' tkabbir annwali ta' madwar 12 % (numru ta' siġġijiet disponibbli). Għas-suq UE-Moldova jistgħu jiġu mistennija effetti simili.

Biex effetti bħal dawn jitkejlu b'aktar preċiżjoni, il-Kummissjoni wettqet analiżi ekonomika tal-effetti possibbli li jirriżultaw mill-konklużjoni ta' ftehim dwar l-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova.[12] L-istudju jbassar rati ta' tkabbir anwali tat-trasport bl-ajru UE-Moldova ta' madwar 15 % għall-perjodu 2010-2015.[13] Fil-qosor, il-benefiċċji rispettivi għall-Moldova fuq naħa u l-UE min-naħa l-oħra jistgħu jiġu deskritti kif ġej:

– Il-benefiċċju ekonomiku ta' ftehim bħal dan għall-Moldova huwa stmat għal madwar EUR 17-il miljun p.a. (l-aktar minħabba tariffi tal-ajru iktar baxxi, żieda fil-vjaġġi bl-ajru u l-attività ekonomika assoċjata).[14] L-analiżi turi wkoll li t-tariffi tal-ajru fuq rotot popolari (bħal dawk lejn l-Italja) x'aktarx li jonqsu sinifikament minħabba żieda fil-kompetizzjoni.

– Minħabba d-daqs tas-suq, il-benefiċċji ekonomiċi ta' ftehim bħal dan għall-UE, madankollu jkunu relattivament żgħar. Min-naħa l-oħra, ċerti linji tal-ajru tal-UE rrapportaw problemi mal-ASAs pjuttost restrittivi fit-tħaddim ta' kuljum tagħhom. L-esperjenza turina li l-mekkaniżmu tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet dwar l-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni simili jgħin biex isolvi kwistjonijiet bħal dawn ta' twettiq ta' negozju (l-aktar permezz tal-Kumitat Konġunt) peress li t-tendenza hi li tkun eħfef għat-trasportaturi Ewropej li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'mod kollettiv (aktar milli individwalment). Barra minn hekk, Ftehim dwar l-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova joħloq opportunitajiet tas-suq ġodda għat-trasportaturi bl-ajru fl-UE li jkunu jixtiequ jibdew joperaw lejn il-Moldova, iżda li attwalment għad mgħandhomx id-drittijiet tat-traffiku neċessarji. Jista' jiffaċilita wkoll l-integrazzjoni tat-trasportaturi tal-Moldova f'alleanzi eżistenti bejn trasportaturi tal-ajru tal-UE, u b'hekk jippermetti l-iżvilupp ta' prodotti integrati u servizzi aħjar għall-passiġġieri, kif ukoll aktar effiċjenza permezz tal-ekonomiji tal-kobor.

Madankollu, flimkien ma' dawn il-benefiċċji ekonomiċi huma importanti b'mod ugwali l-kunsiderazzjonijiet politiki ftehim bħal dan ikun jappoġġa b'mod sinifikanti l-għanijiet tal-ENP tal-UE, il-Partenarjat tal-Lvant kif ukoll il-PCA u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Moldova.

L-appell politiku qawwi tal-gvern tal-Moldova biex jiġi konkluż ftehim bħal dan hija element importanti addizzjonali li għandu jiġu kkunsidrat.

Ftehim dwar Spazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova jistabbilixxi kundizzjonijiet indaqs għat-trasportaturi bl-ajru tal-UE kollha u jippermetti lill-passiġġieri fl-Istati Membri kollha jibbenefikaw minn kundizzjonijiet simili u minn traffiku miżjud bejn l-UE u l-Moldova u viċi versa. Barra minn hekk, ftehim dwar Spazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova jipprovdi l-bażi legali għall-

[12] Steer Davies Gleave: Study on the economic benefit of a common aviation area agreement between the EU and the Republic of Moldova [Studju dwar il-benefiċċji ekonomiċi ta' ftehim dwar spazju komuni għall-avjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova]. Londra, Jannar 2011.

[13] Dan għandu jitqabbel ma' tbassir ta' rati ta' tkabbir annwali fit-traffiku tal-ajru ta' madwar 8 % fl-istess perjodu f'xenarju mingħajr tibdil.

[14] Jekk wieħed inaqqas l-impatt ambjentali u r-riżorsi addizzjonali meħtieġa biex jiġi indirizzat ix-xogħol amministrattiv li jjirriżulta mill-implimentazzjoni tal-*acquis*, il-benefiċċju ekonomiku għall-Moldova huwa stmat għal madwar EUR 10 miljun p.a.

istabbiliment ta' servizzi tal-ajru minn dawk l-Istati Membri li attwalment mgħandhomx ASAs bilaterali mal-Moldova.

## 6. KONKLUŻJONIJIET

Il-ftuħ tas-suq, għandu jtejjeb l-opportunitajiet tal-ivvjaġġar għal passiġġieri mill-UE u mill-Moldova. L-għadd ta' konnessjonijiet diretti bejn l-UE u l-Moldova, kif ukoll l-għadd globali tat-titjiriet, mistennija li jżidu l-flussi tal-kummerċ u t-turiżmu. Ser ikun hemm benefiċċji ekonomiċi għal-linji tal-ajru u l-ajruporti kemm tal-UE kif ukoll tal-Moldova.

Se jkun importanti l-iżgurar li l-ftuħ u l-integrazzjoni tas-swieq isiru b'mod ibbilanċjat, filwaqt li jitqiesu għanijiet tal-politika importanti oħrajn u l-mitigazzjoni tal-impatti negattivi potenzjali. F'dan il-kuntest ikun essenzjali li jiġi żgurat li l-proċess tal-ftuħ tas-suq ikun akkumpanjat minn proċess parallel ta' kooperazzjoni u/jew konverġenza regolatorja. Dan huwa partikolament importanti f'oqsma kruċjali bħas-sikurezza, is-sigurtà, il-ħarsien tal-ambjent u l-liġi tal-kompetizzjoni.

Swieq miftuħa jeħtieġu qafas li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta u standards għoljin għas-sikurezza u s-sigurtà. Fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali, il-ftehim għandu jkun konsistenti mal-impenn tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli. Huwa partikolament importanti li l-ftehim ma jillimitax il-kapaċità tal-UE li tapplika strumenti regolatorji jew ekonomiċi sabiex jitnaqqsu l-effetti sekondarji mhux mixtieqa taż-żieda fit-traffiku tal-ajru, partikolarment fir-rigward tal-livelli tal-kwalità tal-arja u tal-ħsejjes fl-inħawi madwar l-ajruporti, u permezz tal-kontribuzzjoni għat-tibdil fil-klima globali. Fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, il-possibbiltà li l-Ajru Uniku Ewropew jiġi estiż għall-Moldova għandha tgħin biex ittejjeb l-istandards attwali ta' sikurezza, biex jintlaħqu l-aqwa livelli ta' effiċjenza u kapaċità u sabiex jitnaqqas id-dewmien.

Mandat komprensiv għan-negozjati mal-Moldova ikun ibbażat fuq żewġ partijiet li huma daqstant importanti: minn naħa waħda l-ftuħ u l-liberalizzazzjoni tas-suq u min-naħa l-oħra l-armonizzazzjoni regolatorja tal-istandards ta' sikurezza u ta' sigurtà lil hinn mill-fruntieri tal-UE. F'dan ir-rigward il-konkluzjoni ta' ftehim dwar l-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova jwassal għal kontribuzzjoni ewlenija fl-ilħiq tal-għanijiet tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, il-Partenarjat tal-Lvant u l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Moldova.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi n-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehim komprensiv dwar l-avjazzjoni mal-Moldova, u tistieden lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex tidħol f'negozjati dwar dan il-ftehim. In-negozjati għandhom jitwettqu mis-servizzi tal-Kummissjoni, u jinvolvu b'mod sħiħ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), filwaqt li jikkunsidraw kif xieraq id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE.

Il-Kummissjoni ser taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati kollha rilevanti biex tiżviluppa aktar u tilħaq il-miri stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta.